MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' April, 2011

Numru 684/2007

Il-Pulizija
(Spettur, illum Supretendent Stephen J.Gatt)

vs

Paul Costa

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 477267(M), akkuzat talli fl-14 ta’ Awissu 2007 gewwa tas-Sliema ghal habta tal-5.30pm:

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Christopher Halpin anzjan ta’ 79 sena, ta’ nazzjonalita’ Irlandiza, f’perikolu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ Christopher Halpin, jew gablu disordni f’mohhu, liema offiza hija gravi li ggib marda tal-mohh jew tal-gisem

li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien, zzomm lill-offiz milli jmur ghax-xoghol tieghu, kif ukoll tista iggib debulizza permanenti fis-sahha jew funzjoni ta’ xi parti tal-gisem, hekk kif iccertifika Dr N.Azzopardi M.D tal-Isptar San Luqa - bi ksur tal-Artikolu 214, 215, 216 u 222A tal-Kap 9;

2. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkaguna offizi ta’ natura hafifa wkoll fuq il-persuna ta’ Christopher Halpin anzjan ta’ 79 sena hekk kif iccertifika Dr N.Azzopardi M.D tal-Isptar San Luqa - bi ksur tal-Artikolu 221 u 222A tal-Kap 9;

3. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta’ Christopher Halpin sabiex idejqu jew jaghmillu hsara - bi ksur tal-Artikolu 339(d) tal-Kap 9.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li biha dehrlu li tista’ tinsab htija kontra l-imputat ai termini tal-artikoli tal-ligi hemm citati;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tissokta sommarjament;

Semghet ix-xhieda kompriza dik tal-imputat minn jeddu u bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Hemm prospettat fl-akkuzi migjuba kontra l-imputat dik tal-ferita gravi inflitta fuq Christopher Halpin, ta’ nazzjonalita’ Irlandiza u anzjan ta’ 79 sena. L-akkuzi l-ohra huma lkoll konsegwenzjali u sussidjarji marbuta mal-klassifikazzjoni u l-entita’ tal-griehi fil-kuntest tar-responsabbilita’o meno tal-imputat. Jigifieri, f’kas li tinsab reita’ fl-imputat li kkaguna feriti gravi kif ipotizzat fl-ewwel akkuza m’hemmx htiega li jigu trattati l-akkuzi l-ohra, li ghandom origini u huma konsegwenza l-istess incident, stante r-regoli tal-assorbiment ta’ reati.

Mill-provi jirrizulta li l-parti leza kienet Malta ghall-btala ta' gimgha u kienet talloggja l-lukanda 'Windsor' f-Tas-Sliema. Hu u jixhed dwar l-incident l-parti leza jghid li kien irritorna lura mill-bahar u ddecieda jidhol fir-restaurant tal-lukanda. Dahal u pogga bil-qeghedha ma' mejda meta avvicinah l-imputat li b'mod goff qallu li r-restaurant kien dak il hin maghluq. Zied jghid li meta hu gibidlu l-attenzjoni li l-avviz fuq barra kien jghid il-kontra, l-imputat sar aggressiv, qabdu mill-polz, u gibdu sal-bieb ta' barra fejn imbuttah u waqa' tlett targiet ghal fuq it-triq. Konsegwenza t'hekk l-parti leza tghid li gie rikoverat l-isptar b' ksur tal-'femur' tax-xellug u diversi kontuzjonijiet mal-persuna kollha tieghu. Konsegwenza t'hekk il-vaganza tieghu li swiet sitt mitt Ewro gie irrvinata.

Xhud okkulari giet prodotta fil-persuna ta' Josianne Pikard, impjegata fl-istess lukanda, li ghalkemm ma ratx l-incident mill-bidu tghid li ntalbet titla fl-ambjenti tar-restaurant mill-kcina fejn kienet u rat lill-imputat u l-parti leza imqabbdin ma' xulxin. Osservat l-parti leza taqa' t-tarag. Ziedet tghid li l-imsemmi parti leza kien xi ftit qabel saqsiha x'hin kien jiftah r-restarant u jekk setax joqghod bil-qedha u hi kienet wiegbitu li r-restaurant kien jiftah fis-6.00 pero' seta jistenna fih. Tghid li hu pogga u fl-ebda hin ma staqsija biex jiekol jew jixrob.

Mix-xhieda tat-tobba u c-certifikati medici esebiti jirrizultaw l-griehi li jissemmew mill-parti leza izda ma jirrizultawx li kienu ta' dik l-entita' specifikata fl-Artikolu 218 tal-Kap 9, jigifieri, huma gravi konsegwenza l-ksur, izda mhux fl-entita' li hallew debilita' permanenti jew sfreggju. Fi kliem iehor huma l-feriti gravi kontemplati fl-Artikolu 216(1)(d) tac-citat Kap.

Ikkonsidrat li:

Ghalkemm xehed l-imputat li jghid li l-parti leza wegghet billi zelqet, frankament din il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li l-griehi li sofriet il-parti leza kienu dovuti ghal manjieri bruski li uza l-imputat. Bhala fatt il-Qorti hi ampjament sodisfatta li hemm in-ness ta' kawza u effett li tissaraf fir-

reita’ tal-imputat, liema reita’ ghandu jirrispondi ghaliha fit-termini tal-Artikolu 261(1)(d) kif fuq spjegat .

Ezaminati l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju, la darba l-imputat ser jinsab responsabbli li ikkaguna feriti gravi, jigi applikabbli l-assorbiment fuq ir-reati l-ohra citati, b’dan li fil-fehma tal-Qorti, billi l-parti leza telaq mill-pajjiz wara li kien ircieva t-trattament mediku mehtieg, m’hemmx aktar l-bzonn li jigu wkoll applikati xi misuri mahsuba fl-Artikoli 382A, 383 u 412C tal-Kap 9. L’anqas m’huma applikabbli, fil-kaz de quo, l-Artikoli 23 u 533 tac-citat Kap. Kuntrarjament, ghandu applikazzjoni l-Artikolu 222A tac-citat Kap.

Ghaldaqstant u fil-waqt li tiddikjara l-imputat hati li fl-14 ta’ Awissu 2007 minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Christopher Halpin, anzjan ta’ 79 sena ta’ nazzjonalita’ Irlandiza, f’perikolu car, ikkagunalu griehi ta’ natura gravi li ddum ghal aktar minn tletin gurnata minhabba n-natura taghha, tiddikjara assorbiti l-kumplament, u wara li rat l-Artikolu 216(1)(d), 222A, 31 u 17 tal-Kap 9, tiddeciedi li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sitt xhur mill-lum oltre li wara li rat l-Artikolu 24 tal-istess tordna l-hlas mill-imputat lill-parti leza tal-ammont ta’ €600 u dana zmien mhux oltre sitt xhur mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbiltajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------